# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 16 ta' Novembru, 2000**

**Numru: 3**

**Citazzjoni Numru: 996/95 JF**

**Louis u Carmen konjugi Caruana**

**vs**

**Emanuel u Guzeppa konjugi Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur Louis Caruana dahal f'kuntratt ta' appalt mal-konvenuti skond liema kuntratt huwa kellu jaghmel xi xoghol fil-lukanda Springfield Hotel.

U premess illi l-konvenuti qabdu u tterminaw dan il-kuntratt unilateralment.

U premess illi l-attur ma thallasx tax-xoghol li ghamel skond il-kuntratt ta' appalt fuq imsemmi.

U premess illi in oltre, a kawza ta' dan l-agir da parti tal-konvenuti, l-attur Louis Caruana sofra danni konsiderevoli konsistenti fi spejjez u qliegh li kien ser jaghmel kieku dan l-appalt ma giex terminat unilateralment.

Talab li din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti qabdu u tterminaw il-kuntratt ta' appalt fuq imsemmi unilateralment.

2. Tillikwida l-bilanc dovut lill-attur mill-konvenuti ghax-xoghol li tlesta, l-ispejjez li nkorra l-attur Louis Caruana u somma rapprezentanti l-qliegh li seta' jaghmel l-istess attur b'dak l-appalt ai fini ta' l-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili, u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti .

3. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Emanuel u Guzeppa konjugi Zammit fejn eccepew li:

Fl-ewwel lok skond il-kuntratt ta' appalt l-attur kien obbligat jaghmel ix-xoghol hu nnifsu u mhux iqabbad lil haddiehor bhalma fil-fatt ghamel. Il-konvenuti ghalhekk kienu intitolati jitterminaw il-kuntratt;

Fit-tieni lok il-konvenut gja hallas ix-xoghol u l-ispejjez tal-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u l-affidavits li gew ipprezentati.

Rat l-atti kollha tal-kawza u digrieti moghtija;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li din hija kawza relatata ma' appalt ta' tikhil u kisi u tqeghid ta' katusi u zebgha f'lukanda bl-isem ta' Springfield Hotel. L-appalt inghata mill-konvenuti filwaqt li l-attur kien il-kuntrattur. L-appalt ma tkompliex sa l-ahhar. Il-kontendenti mhumiex jaqblu dwar min kien responsabbli ghal dan il-fatt. L-attur jattribwixxi l-htija lill-konvenuti u fost ohrajn isemmi l-fatt li hu kellu jieqaf sakemm jinhareg il-permess relattiv ghall-hames sular, filwaqt li l-konvenuti jallegaw li l-attur kien qabad u ttermina l-appalt minn rajh u b'mod arbitrarju ghax kien jilmenta b'ugigh f'dahru.

Ikkunsidrat li mill-provi prodotti, il-Qorti sabet htijiet reciproci fiz-zewg kontendenti li wasslu biex l-appalt jintemm qabel ma gie konkjuz kollu. Jibda biex jigi osservat li dak li suppost kien il-ftehim ta' appalt in iskritt ma kienx ghajr lista ta' prezzijiet u rati ta' xoghol kif ghandu jigi kkwantifikat ix-xoghol. Veru li fih hemm inkluzi (ara Dok A, a fol

15 tal-process) certi dettalji dwar f'liema partijiet tal-bini ghandu jsir ix-xoghol u xi deskrizzjonijiet dwar it-tip ta' katusi li ghandhom jitqieghdu u fejn ghandu jsir it-tikhil u z-zebgha pero' fih la hemm indikat termini ta' zmien, la jissemmew xi kundizzjonijiet ta' kif kellhom isiru l-hlasijiet, la hemm tismija tal-fond, la jissemma' min kellu jissorvelja x-xoghol jew min kellu jesegwih (fis-sens jekk ix-xoghol kellux isir direttament mill-kuntrattur jew minn sub-kuntrattur). Bizzejjed jinghad li dan is-suppost ftehim - ghalkemm huwa ffirmat mill-partijiet - la fih data u di piu' min suppost kellu jkun il-kuntrattur jinsab indikat bhala s-"sid", filwaqt li s-sidien gew indikati bhala l-"kuntrattur". Din ir-retroxena hija biss parti mill-assjem neboluz tal-provi li gew prodotti mill-partijiet.

Ikkunsidrat li l-attur ipprezenta talba duplici relativa ghal hlas minnu pretiz. Talab il-likwidazzjoni u hlas tal-bilanc dovut lilu u talab ukoll "somma rapprezentanti l-qliegh li seta' jaghmel l-istess attur b'dak l-appalt ai fini ta' l-artiklu 1640 tal-Kodici Civili". Huwa baqa' u ghadu tutt'ora jinsisti li l-Qorti ghandha tinnomina perit tekniku. Il-kontroparti konvenuta oggezzjonat ghal tali nomina billi tinsisti li l-appalt ma giex itterminat minnha.

Illi l-Qorti jidrilha li darba li l-attur jghid li hu ressaq il-provi kollha tieghu, komprizi d-danni pretizi, m'huwiex necessarju li bilfors ghandu jigi nominat bhala perit tekniku, kif insista l-attur, meta l-Qorti tista' tghaddi minghajru u meta l-Qorti ghandha tipprezumi li fil-mument li saret il-kawza mill-attur, li dan kien jaf ezatt x'kienu d-danni li allegatament jghid li sofra. Illi kien ghalhekk ukoll li l-Qorti cahdet it-talba attrici ghal nomine peritali.

Illi kif gja qalet supra, il-Qorti jidhrilha li l-htijiet kienu reciproci. Il-konvenuti ma messhomx taw appalt meta l-permessi relativi li kellhom lanqas kienu jkopru x-xoghlijiet kollha rikjesti. L-attur, min-naha tieghu, lanqas messu accetta li jiehu appalt simili minghajr ma jinkorri r-riskju li f'xi stadju jkollu jieqaf jekk il-permessi ma jkunux inhargu kollha fil-hin, kif fil-fatt gara.

Ikkunsidrat li l-unika prova konkreta li l-Qorti tista' tibni fuqha hija l-istima tax-xoghol maghmulha ex parte mill-Perit Paul Micallef nominat mill-attur wara li x-xoghol li kien lahaq ghamel l-attur kien sar. Fi kliem iehor, l-istima - ara dok CL1 - a fol 53 sa 63 tal-process - turi b'mod dettaljat dak ix-xoghol li effettivament inhadem mill-attur a beneficcju tal-konvenuti. L-ammont globali huwa ta' Lm6,874.41c. L-attur xehed li b'kollox huwa thallas Lm6,000, igifieri Lm4,000 fil-bidu u hlasijiet akkonti ta' Lm500 kull darba ghal erba' darbiet. Huwa jghid li kien ghad fadallu jiehu bilanc ta' Lm1,000. Il-konvenuti, filwaqt li originarjament eccepew li ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur, ikkoncedew u ammettew li kien ghad fadlilhom ihallsuh bilanc ta' Lm500 u dan billi kellha tinqata' s-somma ta' Lm500 minn ammont ta' madwar elf lira (Lm1,000) li l-attur kien qieghed jippretendi minghandhom. Fil-fehma tal-Qorti, tenut kont tal-provi prodotti, hija tal-fehma li kwantu ghall-ammont bilancjali dovut ghax-xoghol maghmul mill-attur, il-konvenuti jridu jhallsuh l-ammont ta' Lm874.41c. Ma gewx prodotti provi sufficjenti biex jiddimostraw l-allegazzjoni tal-konvenuti li kellu jsir tnaqqis ulterjuri dwar il-katusi. Din il-kwistjoni jidher li tqajmet wara li l-konvenuti gew rinfaccjati bil-kont ta' l-attur mahdum mill-perit Micallef.

Illi kwantu mbaghad ghad-danni pretizi mill-attur, il-Qorti bl-ebda mod ma giet konvinta li kien hemm xi telfien ta' profitti fis-sens reklamat mill-attur. L-istess xhud prodott mill-attur - ara affidavit ta' Joseph Sammut a fol 42 - jghid li x-xoghol kellu jkun ghas-somma ta' Lm7,000 - li incidentalment, iqarreb hafna ghall-istima tax-xoghol maghmulha mill-Perit Paul Micallef. Illi, oltre dan, ftit jaghmel sens dak li xehed l-attur, igifieri li kien qieghed jippretendi profitt ulterjuri ta' erbat elef lira, meta qabel ix-xoghol kollu kien stmat li jiswa sebat elef lira. Hemm imbaghad l-ostakolu legali l-iehor li, fil-fehma tal-Qorti, ir-responsabbilta' ghat-twaqqif ta' l-appalt kienet attriwibbli ghal-htijiet reciproci tal-kontendenti u li ghalhekk mhux il-kaz ta' danni ulterjuri. Illi ghalhekk ukoll mhux il-kaz u lanqas huwa opportun li jigi nominat perit gudizzjarju kif mitlub mill-attur u din it-talba qeghda tigi ghalhekk formalment respinta. Dan maghdud, jirrizulta li l-partijiet kienu ezawrew il-provi taghhom u li ghalhekk il-Qorti tista' tghaddi mill-gdid ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi dwar l-ewwel talba billi tichadha kif dedotta in kwantu ssib htijiet reciproci fuq iz-zewg nahat kontendenti f'sehem ugwali; tilqa' l-ewwel parti tat-tieni domanda attrici riferibbli ghall-bilanc dovut u li qeghda tillikwida ghas-somma ta' tmien mija u erbgha u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm874.41c) per saldu, b'dana li tichad il-bqija tat-tieni talba dwar telf ta' profitti; tilqa' t-tielet talba limitatament pero' ghas-somma hekk likwidata ta' Lm874.41c kif fuq inghad, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-pagament effettiv. Tenut kont tal-fatt li l-konvenuti kienu pjenament edotti mill-bilanc realment dovut lill-kuntrattur u li minnu huma

baqghu ma ddepozitaw xejn biex jezimu ruhhom minn kwalsiasi responsabbilta' legali, il-kap ta' l-ispejjez jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md